# Il-Ħadd 25.01.2015

1. Illum 25/01, **Solennità tal-Konverżjoni ta' San Pawl**:
   - Tagħlaq il-ġimgħa ta' talb iddedikata għall-Għaqda tal-Knejjes Insara.
   - Fl-10:00am ikollna Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.
   - Fil-5:00pm ikollna r-Ružarju.
   - Fil-5:30pm tibda l-Quddiesa solenni ċċelebrata mill-Kappillan Dun David Farrugia, u animata mill-Kor '*Sine Macula*', li fl-aħħar tagħha tindaqq l-Antifona u tingħata l-Barka Sagramentali.

2. Il-Ħamis 29/01:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa: inżuru ċ-Ċentru Animazzjoni u Komunikazzjoni tal-Franġiskani (ĊAK) fejn ikollna Quddiesa fil-kappella ta' Santa Kjara, u wara Coffee Morning. Naraw ukoll il-Film ġdid bil-Malti fuq San Pawl: THE SHIPWRECK. Tluq fid-8:45am u inkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.
   - Fis-7:15pm jiltaqa' il-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.
   - Fis-7:15pm ser issir Laqgħa għall-Ġenituri tat-tfal li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof matul din is-sena. Din ser issir fil-Museum tas-Subien, bil-kelliem ikun Joseph Gauci u s-suġġett: Il-valur tal-Fidi.

3. Il-Ħadd 1/02, **Jum il-Ħajja**.

4. Avviżi oħra:
   - Il-Każin Banda San Pawl jinfurmakom li llum (25/01), xi membri ser ikunu qed jiġbru xi envelopes b'risq il-festa esterna bejn id-9:00am u 12:00pm. Grazzi bil-quddiem.
   - Il-Kunsill Lokali jinfurmakom li ser jipprovdi t-trasport għal min jixtieq imur jara SAWL: Monologu dwar il-ħajja ta' San Pawl interpretat minn Mario Micallef, li sa jiġi ppreżentat is-Sibt 31/01 fil-Kavallier ta' San Ġakbu, il-Belt Valletta fit- 8:00pm.
   - F'dawn il-jiem qed jintlaqgħu l-Applikazzjonijiet għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja għal dawk li ġejjin minn skejjel tal-Gvern u indipendenti. Informazzjoni oħra tinkiseb mill-istess Skejjel tal-Knisja u minn fuq il-website tal-Kurja: www.thechurchinmalta.org fis-Sezzjoni: *'Regolamenti tad-Dħul fl-iskejjel tal-Knisja'*.

5. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 415 bħala donazzjonijiet għar-restawr tal-istatwa ta' San Pawl. Grazzi.